**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 3 ta' Ottubru, 2023**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Numru:- 32/2023JVC**

**Agostino Agius (K.I. 136570M)**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija, L-Avukat Generali u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Agostino Agius (K.I. 136570M) li premetta u talab kif isegwi:

1. ‘Illi fis-sena 2016, ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti, permezz ta’ liema gie akkuzat, b’reati kontra l-Kap. 101 tal-ligijiet ta’ Malta, b’pussess aggravat ta’ cirka zewg kilo grammi ta’ kokaina;

2. Ili susegwentement, nhar is-sitta ta’ Marzu 2016, il-Pulizija ressqet lir-rikorrenti b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti Istruttorja, fuq l-akkuzi surreferiti;

3. Illi tul il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, fost l-ohrajn xehdu membri tal-pulizija li spjegaw inter alia kif l-esponenti kien allegatament qieghed isuq vettura tat-tip Mercedes Benz bin-numru ta’ registrazzjoni KGY – 105 gewwa l-Lokalita’ ta’ Marsaskala, precizament gewwa Triq il-Gardell u malli l-esponenti gie mwaqqaf huwa kkoopera b’mod fabbli, fis-sens li ghamel numru ta’ dikjarazzjonijiet fil-prezenza tal-investigaturi;

4. Illi dak iz-zmien ir-rikorrenti nnifsu kien ittihed gewwa l-kwartieri generali sabiex jigi interrogat mill-pulizija u kien irrilaxxa stqarrija mal-Pulizija fil-hamsa (5) ta’ Frar 2016 minghajr ma kellu assistenza legali, stante li l-ligi dak iz-zmien ma kinitx tipprovdi ghad-dritt ta’ assistenza legali **<u>waqt</u>** l-interrogazzjoni;

5. Kif gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet Christopher Bartolo vs Avukat Generali tas-26 t' April 2022 fejn is-suspettat hemmhekk kien ha parir minn avukat qabel irrilaxxja l-istqarrijiet u kif ukoll nghata l-caution mill-Ispettur, pero' xorta il-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet illi: 'Fil-kaz odjern jirrizulta car li fl-istqarrijiet tieghu r-rikorrent, minkejja li qabel ma rrilaxxja l-ewwel stqarrija, l-avukat tieghu kien tah il-parir li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda ddecieda li jirrispondi ghad-domandi waqt l-interrogazzjoni, bir-rizultat li stqarr certu fatti inkriminanti ghalih in kwantu ammetta li kien jixtri l-blokkok tal-cannabis, kemm ghall-konsum personali tieghu kif ukoll sabiex ibiegh lil terzi. ... ... ... L-istess ammissjoni kienet giet ripetuta fit-tieni stqarrija fejn ir-rikorrent amplifika wkoll dwar minn ghand min kien jixtri d-droga;

6. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja' kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kif ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk,

ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta;

7. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali;'

8. Illi waqt l-investigazzjoni l-esponent ma nghatax disclosure u cioe' ma inghatax access ghall-materjali kollha tal-kas li kellha l-Pulizija f'idejha sa dak il-hin;

9. Illi fil-prezent l-istess espoenti ilu ghaddej minn process ta' gbir ta' provi da parte tal-prosekuzzjoni ghal iktar minn sitt snin u dan id-dewmien m'huwa imputabbli lilu bl-ebda mod u l-kumpilazzjoni ghadha pendenti;

10. Illi dan id-dewmien eccessiv u ingustifikat fl-imsemmija proceduri kriminali qieghed lir-rikorrenti fi stat ta' incertezza, frustrazzjoni, qtigh ta' qalb u ansjeta' tant li huwa diga' skonta parti sostanzjali mill-piena waqt li kien prezunt innocenti u f'dan l-isfont issir referenza ghall-awtur **'Stephanos Stavros – The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights – pagni 77 et:** *"The right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safegraud the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence";*

11. Illi fil-perkors ta' dawn il-proceduri kollha tal-prim'istanza, fil-konfront tar-rikorrenti, huwa qieghed umilment jissottometti illi kien hemm lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali tieghu, senjatament tad-drittijiet tieghu taht l-

Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, rispettivament, u dan ghar-ragunijiet segwenti;

a. Illi d-dritt tal-assistenza legali ghall-persuni suspettati waqt l-invetigazzjoni, bhala aspett tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie stabbilit permezz ta' gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem liema dritt gie ritenut illi jigi miksur anke jekk il-persuna suspettata u investigata tibqa' siekta tul il-kors kollu tal-arrest taghha u f'dan il-kas ir-rikorrent ma giex moghti dan id-dritt **waqt** l-interrogazzjoni stante li l-ligi ma kinitx takkorda;

b. Illi l-esponenti gie ppregudikat b'mod irrimedjabbli meta huwa ma nghatax il-fakolta' sabiex jigi assistit minn legal tal-fiducja tieghu, dan in-nuqqas u restrizzjoni hija tali sabiex *'such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6...The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during Page 6 of 53*

*police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction." (S55).'*[1]

c. Illi l-esponent qieghed jikkontendi li fil-kaz odjern kien hemm lezjoni tad-dritt tal-appellant ghal smigh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja meta huwa ma nghatax l-assistenza legali. Tali dritt kellu jinghata fil-bidunett tal-investigazzjoni u qabel ma dik il-persuna tirrilaxxja stqarrija u kif ukoll waqt l-istess stqarrija;

d. Illi r-rikorrenti ma giex moghti smiegh xieraq meta ma nghatax access ghal kull dokument li kien jinsab fil-pussess tal-Pulizija matul il-proceduri kontrih fil-prim' istanza;

e. Illi llum il-gurnata, dan id-dritt huwa imnaqqax fl-Artikolu 534AF tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Illi fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni indispensabbli, ir-rikorrenti ma setghax jiddefendi ruhu bl-aqwa mod possibbli u ghalhekk, ghadu jsofri minn pregudizzju;

[1] Salduz vs. Turkey deciz fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008).

g. Illi kif gie ritenut diversi drabi, anke mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani, dan id-dritt ta' access ghall-provi li l-Pulizija jkollhom fil-pussess taghhom jimxi id f'id mad-dritt li wiehed ikun informat bin-natura tal-akkuzi migjuba kontrih u ghandu jigi kkunsidrat fid-dawl tad-dritt tal-akkuzat illi jipprepara d-difiza tieghu;

h. Illi kif intqal, fost ohrajn, fil-kawza numru 25444/94 tal-EctHR, ***Pelissier u Sassi v. Franza,***

*"In determining whether the proceedings as a whole were fair, regard must also be had to whether the rights of the defence have been respected. In particular, it must be examined whether the applicant was given an opportunity to challenge the authenticity of the evidence and to oppose its use. In addition, the quality of the evidence must be taken into consideration, as must the circumstances in which it was obtained and whether these circumstances cast doubt on its reliability or accuracy"*[2]

i. Illi in oltre' mal-lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq, ghar-ragunijiet su espressi, ir-rikorrenti jirrileva illi tul il-proceduri fil-prim' istanza, huwa sofra wkoll lezjoni tal-

---

[22] *Pelissier and Sassi v. France,* App. Nru 25444/94, EctHR, 25 ta' Marzu 1999

istess dritt u dan minhabba dewmin li m'huwiex attriwibbli lilu bl-ebda mod;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi fil-mori tal-proceduri fil-konfront tar-rikorrenti mill-Qorti Magistrati bhala Qorti Istruttorja u kif ukoll fi stadju pre-trial jew investigattiv gew lezi d-drittijiet tar-rikorrenti, senjatament, l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Takkorda dawk ir-rimedji kollha effettivi li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

Salv kull provvidimet iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta tal-intimati li taqra kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrent għandu proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu li qegħdin fi stadju ta' kumpilazzjoni. L-

imputazzjonijiet addebitati lilu huma relatati ma' l-forniment u l-pussess ta' sustanzi illeċiti, u ma' ħasil ta' flus;

2. Illi kif jidher mir-rikors kostituzzjonali, din l-Onorabbli Qorti trid taqta' tliet kwistjonijiet: (i) jekk it-teħid tal-istqarrija tal-imputat Agostino Agius mingħajr l-għajnuna ta' avukat saritx bi ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq kif imħares bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** (ii) jekk l-allegat nuqqas tal-applikazzjoni tar-*rule of disclosure* fi stadju ta' investigazzjoni kienx leżiv tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u (iii) jekk l-allegat dewmien fil-proċeduri kriminali kontrih huwiex leżiv tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**. F'każ ta' sejbien ta' ksur, ir-rikorrent qed jippretendi 'r-rimedji kollha effettivi li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa';

3. Illi l-esponenti qegħdin *tramite* din ir-risposta jirrispinġu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u l-pretensjonijiet marbutin magħhom *stante* li dawn huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi preliminarjament, ir-rikorrent qiegħed **<u>juża l-allegazzjoni li diġa' seħħ ksur</u>** għal smigħ xieraq biex isawwar l-azzjoni kostituzzjonali odjerna. L-esponenti jeċċepixxu illi b'mod kostanti **<u>fil-ġurisprudenza</u>** (kemm lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem) **<u>ġie stabbilit li</u>**

sabiex tinstab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni **huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu.** Bħala regola, sabiex ikun jista' jiġi apprezzat jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jseħħu iżda jrid iħares u jeżamina jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri jkunux jew le kondotti b'ġustizzja. Għalhekk, **bir-rispett kollu r-rikorrent ma jistax kredibilment jilmenta li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq diġa' ġie miksur u dan propju għaliex il-proċeduri fil-konfront tiegħu fadlilhom biex jiġu definitivament magħluqa.** Ir-rikorrent qiegħed iqajjem dan l-ilment fi żmien meta l-proċeduri kriminali qegħdin fl-istadju tal-kumpilazzjoni. Meta toħroġ l-Att tal-Akkuża, l-proċeduri jgħaddu għal-fażi ta' smigħ tal-eċċezzjonijiet preliminari quddiem il-Qorti Kriminali. Jista' jsir appell mill-partijiet mid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali dwar l-akkjoliment *o meno* tal-eċċezzjonijiet. Il-proċess imbagħad jikkulmina fil-ġuri. Jista' jagħti l-każ wkoll li jkun hemm appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali wara li jsir il-ġuri. Li huwa ċert hu illi l-proċess kriminali jingħalaq biss meta jkun hemm *res judicata*. S'issa għadu mhux magħruf jekk, kif u taħt liema ċirkostanzi r-rikorrent se jkun żvantaġġjat waqt is-smigħ tal-proċeduri. Għaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterorjment dan l-ilment, u dan a tenur ta' l-

Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi fil-mertu jibda' biex jingħad li l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ċitat mir-rikorrent jipprovdi li '*kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm -il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi*'. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jmur oltre' meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem qorti jew tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf bil-liġi. L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-proċess kriminali li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-drittijiet tar-rikorrent, u ma jirriżulta minn imkien li b'xi mod ġiet mittiefsa xi waħda mill-protezzjonijiet mogħtija bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

6. Illi f'dan ir-rigward jingħad ukoll li: (a) il-proċeduri kollha qed jinżammu u qegħdin jiġu determinati minn qorti ndipendenti u mparzjali; (b) ir-rikorrent għandu aċċess għall-qorti; (ċ) is-smigħ kollu qiegħed isir fil-presenza tar-rikorrent; (d) il-partijiet qedgħin jiġu trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra; (e) ir-rikorrent qiegħed jingħata l-opportunit*à kollha biex j*iddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel; (f) r-rikorrent huwa megħjun

mill-avukati tal-fiduċja tiegħu tul il-proċeduri; u (ġ) ir-rikorrent qiegħed jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu;

*Dwar it-teħid tal-istqarrija mingħajr l-għajnuna t'avukat*

7. Illi ta' min jinnota illi r-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedju ordinarju qabel ma rrikorra għal dan il-forum. Il-Qorti ta' ġurisdizjoni kriminali għandha l-għarfien u l-għodda kollha sabiex tevalwa l-valur probatorju tal-provi li jinġiebu quddiemha. Għalhekk din il-lanjanza kellha qabel xejn, titqajjem quddiemha;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirreferru għas-sentenzi ***Beuze vs. Belgium, Farrugia vs. Malta*** **u** ***Stephens vs. Malta***, u jeċċepixxu illi fil-każ odjern, ma tista' tinstab ebda leżjoni taħt l-artikoli ċitati mir-rikorrent;

9. Illi l-jedd għal parir legali kien introdott fil-Liġi Maltija permezz tal-**Att III tal-2002**, senjatament fl-**artikolu 355AT tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan il-jedd daħal fis-seħħ nhar l-10 ta' Frar, 2010 permezz tal-**A.L. 35 tal-2010**;

10. Illi fil-preżent, il-jedd ta' aċċess għal avukat huwa regolat mill-**artikolu 355AUA tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan l-

artikolu ġie introdott permezz tal-**Att LI tal-2016** u attwalment daħal fis-seħħ nhar it-28 ta' Novembru, 2016 permezz tal-**A.L. 401 tal-2016**;

11. Illi għalhekk fil-mument li r-rikorrent irrilaxxa l-istqarrija tiegħu, cioè fil-5 ta' Marzu, 2016, il-jedd għal parir legali kien regolat bl-Artikolu 355AT kif viġenti f'dak iż-żmien. Għal kjarezza, dan l-artikolu qiegħed jiġi riprodott:

> '355AT. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinzamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, **jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien**. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu.
>
> (2) Talba magħmula taħt is-subartikolu (1) għandha titniżżel fir-reġistrazzjoni tal-kustodja flimkien mal-ħin li tkun saret kemm-il darba t-

talba ma tkunx saret filwaqt li l-persuna li tagħmilha tkun tinsab il-qorti wara li tkun ġiet akkużata b'reat, f'liema każ dik it-talba ma tkunx tenħtieġ li tiġi hekk reġistrata.

(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (7), it-tħaris ta' talba taħt is-subartikolu (1) jista' jiddewwem jekk min ikun qed jagħmel it-talba jkun qiegħed fid-detenzjoni tal-pulizija għal xi delitt u jekk uffiċjal mhux taħt il-grad ta' supritendent jawtorizza dak id-dewmien.

(4) Awtoriżazzjoni taħt is-subartikolu (3) tista' tingħata bil-fomm jew bil-miktub imma jekk din tingħata bil-fomm din għandha tiġi kkonfermata bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

(5) Uffiċjal jista' biss jawtorizza li jkun hemm dewmien meta jkun tal-fehma msejsa fuq kawżi raġonevoli li l-eserċizzju tad-dritt mogħti bis-subartikolu (1) f'dak il-waqt li l-persuna miżmuma tkun tixtieq teserċitah –

(a) se jwassal għal indħil jew tħassir fil-provi li għandhom x'jaqsmu mar-reat li jkun qed

jiġi investigat jew indħil jew ħsara fiżika lil persuni oħra; jew

(b) se jwassal għat-tnebbiħ ta' persuni oħra suspettati li jkunu għamlu dak ir-reat iżda li jkunu għadhom ma ġew arrestati dwaru; jew

(ċ) se jfixkel il-ksib lura ta' proprjetà miksuba b'riżultat ta' dak ir-reat; jew

(d) fil-każ ta' persuna miżmuma għal reat ta' traffikar ta' drogi, tixħim u korruzzjoni, jew *money laundering*, se jfixkel il-ksib lura tal-valur tar-rikavat li dik il-persuna tkun għamlet minn dak ir-reat.

(6) Meta d-dewmien ikun ġie awtorizzat kif provdut fis-subartikolu (5) il-Pulizija tista' minnufih tgħaddi biex tinterroga lill-persuna miżmuma.

(7) Id-dewmien imsemmi fis-subartikolu (3) ma għandu f'ebda każ ikun iktar minn sitta w tletin siegħa mill-ħin tal-arrest.

(8) Uffiċjal tal-Pulizija li jittanta jindika lil xi persuna miżmuma isem l-avukat jew il-prokuratur legali għandu jitqabbad waqt id-detenzjoni ta' dik il-persuna, ikun ħati ta' reat punibbli b'ammenda u dan mingħajr

preġudizzju għal kull proċeduri dixxiplinari li tista' tittieħed kontrih.

(9) Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma jkollhiex għajnuna legali, l-uffiċjal investigatur għandu jagħmel notament bil-miktub dwar dan fil-presenza ta' żewġ xhieda u malli dan tista' tinbeda l-interrogazzjoni minnufih'.

12. Illi l-punt kruċjali u rilevanti għall-każ odjern huwa li fil-mument li r-rikorrent kien interrogat, il-jedd għal parir legali kien sempliċiment li l-persuna suspettata titkellem ma' avukat jew ma' prokuratur legali wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon għal mhux aktar minn siegħa. Kif ser jirriżulta matul il-proċeduri odjerni, r-rikorrent irrifjuta milli jkellem avukat jew prokuratur legali u fl-ebda ħin ma kien imġiegħel, imwiegħed jew mhedded biex jgħid dak li qal;

13. Illi jiġi b'hekk li dan l-ilment ma fih ebda mertu;

*Dwar ir-Rule of Disclosure*

14. Illi t-tieni ilment tar-rikorrent idur fuq il-kwistjoni li fiż-żmien ta' meta tteħditlu l-istqarrija huwa ma kellux skont il-liġi Maltija aċċess għall-fajl tal-Pulizija. Dan huwa nuqqas li skont ir-rikorrent iwassal għal ksur tas-smigħ xieraq;

15. Illi l-esponenti jtennu li taħt il-jedd tas-smigħ xieraq dak li huwa garantit huwa li l-akkużat jingħata żmien u faċilitajiet adegwati biex ikun jista' jħejji d-difiża tiegħu ħalli b'hekk jiġi żgurat il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża. F'dan il-kwadru ir-*rule of disclosure* tagħraf il-jedd tal-akkużat, ***"to have at his disposal, for the purpose of exonarating himself or of obtaining a reduction in his sentence, all relevant elements that have been or could have been collected by the authorities"***, inkluż kull dokument dwar ***"acts of which the defendant is accused, the credibility of witnesses etc"*** (ara ***Jespers vs. Il-Belġju*** u ***CGP vs. L-Olanda***). Għalhekk il-prosekuzzjoni għandha l-obbligu li tiżvela lid-difiża l-evidenza kollha li hija għandha f'idejha kemm jekk din hija kontra u kif ukoll jekk favur l-akkużat (ara ***Edwards vs. Ir-Renju Unit***);

16. Illi fil-każ tagħna r-rikorrent ma jgħidx li huwa ried jara l-fajl tal-pulizija sabiex jikkontesta l-legalità tal-arrest tiegħu jew biex ikun jaf fuq x'hiex jinsab akkużat. Kemm hu hekk, f'dawn il-proċeduri ma jidhirx li hemm ebda talba biex jiġi mistħarreġ jekk kienx hemm arrest arbitrarju. Anke kieku stess ma jidhirx li r-rikorrent bata xi preġudizzju għaliex waqt l-interrogazzjoni ma rax il-fajl tal-Pulizija;

17. Illi għalhekk l-esponenti qegħdin jifhmu li r-rikorrent ried ikun jaf x'hemm fil-fajl tal-Pulizija ħalli jislet minnhom xi tagħrif li jkun vanntaġġjuż għalih u b'hekk huwa jkun f'qagħda aħjar li jiddefendi lilu nnifsu meta huwa jitressaq quddiem il-Qorti;

18. Illi dan premess l-esponenti jtennu li kif inhuwa fid-dmir tagħhom, il-Pulizija fil-proċeduri kriminali qiegħda tressaq il-provi kollha li għandha f'idejha dwar il-każ, sew jekk dawn huma favur sew jekk kontra r-rikorrent. Ifisser dan li r-rikorrent qiegħed f'qagħda li jħejji d-difiża tiegħu b'mod xieraq;

19. Illi l-kumpilazzjoni ma tikkonsisti f'xejn ħlief il-produzzjoni mill-prosekuzzjoni tal-materjal u x-xhieda bħala prova favur u kontra l-imputat, u l-ġbir ta' provi mill-Qorti fil-konfront tar-rikorrent. Il-Pulizija Eżekuttiva f'dan l-istadju qiegħda tipproduċi l-provi kollha materjali u rilevanti għall-akkużat. Matul il-ġuri sejrin jiġu prodotti l-istess xhieda u l-istess provi prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u l-akkużat huwa liberu sabiex jagħmel il-kontro-eżami tax-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni u jikkontesta l-provi materjali. Għalhekk, fi kwalunkwe każ, **<u>il-provi materjali u rilevanti għar-rikorrent qed jinġiebu</u>**

**matul il-kumpilazzjoni u ma hemm ebda kwistjoni ta'** ***disclosure*** **ulterjuri x'tiġi mistħarrġa**;

20. Illi r-rikorrent ma jfissirx liema huma dawk il-provi li skont hu tħallew mistura jew barra mill-Pulizija għaż-żvantaġġ tiegħu. Lanqas ma hemm ilment li r-rikorrent m'għandux aċċess għall-provi miġbura fl-istadju tal-kumpilazzjoni, jew li m'għandux id-dritt li jagħmel kontro-eżami tax-xhieda prodotti, jew ma kellux aċċess għad-dokumenti esebiti. Diversament ir-rikorrent isemmi biss b'mod astratt li ma ngħatax *disclosure*. Iżda kif inhu magħruf vjolazzjoni tas-smigħ xieraq ma tistax tinstab fl-astratt iżda trid tinstab fil-konkret – ħaġa li f'dan il-każ ma hemmx;

21. Illi ssir riferenza għas-sentenza ***Il-Pulizija vs. Clayton Azzopardi*** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Frar 2017 li toqgħod eżatt għall-każ tagħna, "*Hu paċifiku li sabiex jiġi żgurat il-prinċipju tal-equality of arms l-akkużat irid ikollu tagħrif tal-provi li ser jinġiebu kontrieh sabiex iħejji d-difiża tiegħu. Dan hu ċentrali f'sistema penali sabiex jiġu żgurati l-ġustizzja u s-smigħ xieraq. Madankollu fil-każ tallum ma jirriżultax li l-attur ma kellux aċċess għall-provi miġbura fl-istadju tal-kumpilazzjoni jew li ma kellux dritt li jagħmel kontro-eżami tax-xhieda prodotti, jew li ma kellux aċċess għad-dokumenti esebiti. Inoltre fil-kors tal-kumpilazzjoni kellu d-dritt skont il-liġi li jobbliga lill-pulizija*

*tipproduċi d-dokumenti relevanti kollha fil-pussess tagħha. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, u meqjusa wkoll il-proċeduri kriminali kontrih sal-lum il-ġurnata, din il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-attur ġarrab preġudizzju hekk li ma setax iħejji difiża xierqa għall-akkużi miġjuba kontrieh";*

22. Illi għalhekk safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-allegat ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** Ewropea, l-esponenti jeċepixxu illi r-rikorrent ma ġarabx preġudizzju fil-proċeduri tiegħu. Huwa ma jistax kredibilment jilmenta li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ġie leż minħabba li allegatament il-Pulizija ma tagħtux *disclosure* tal-materjal u l-provi kollha li ġabret. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom pendenti, r-rikorrent igawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza, l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha kontrih lil 'hinn minn kull dubbju raġonevoli fi stadju ta' ġuri u r-rikorrent għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu kif iħoss li huwa xieraq;

23. Illi jiġi b'hekk li anke dan l-ilment ma fih ebda mertu;

***Dwar l-allegat dewmien irraġjonevoli***

24. Illi ma huwiex ikkontestat li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jeżiġi bħala parti mill-kunċett ta' smigħ xieraq li

deċiżjonijiet jingħataw fi żmien raġjonevoli. Irid iżda ikun hemm bilanċ bejn il-ħeffa fl-għeluq ta' proċeduri ġudizzjarji u l-assigurazzjoni li jinġiebu l-provi fit-totalita' tagħhom kemm kontra u kif ukoll favur l-akkużat;

25. Illi l-Qorti ta' Strasburgu dejjem irreteniet illi *"the reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the particular circumstances of the case".* Il-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni huma: l-kumplessita' tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir ta' l-a*wtorità* ġudizzjarja. L-ebda fattur partikolari ma huwa waħdu konklussiv, imma l-Qorti trid teżamina l-fatturi kollha separatament biex tivvaluta l-effett kumulattiv fuq il-proċeduri fl-intier tagħhom sabiex tara jekk dawn ġewx magħluqa fi żmien raġonevoli (ara **John A. Said pro et nomine vs. Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta` Novembru 2011**);

26. Illi l-prosekuzzjoni għamlet kweżiti fir-rinviji li normalment jintalbu f'sitwazzjonijiet simili sabiex il-każ jiġi pruvat. Għaldaqstant, b'ebda mod ma jista' jingħad li kien hemm xi dilungar minħabba li l-prosekuzzjoni kienet qiegħda tinsisti fuq provi li kienu rrilevanti għall-każ;

27. Illi huwa aċċettat ukoll li ma hemm l-ebda 'time limit' li jrid jiġi osservat fil-kors tal-proċeduri quddiem qorti għax inkella l-interessi tal-ġustizzja jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta;

28. Illi ġurisprudenza kostanti tteni **l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandhiex tiġi determinata fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet kawża għaddejja** imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun (ara **X v. Belgium** deċiża mill-Kummissjoni Ewropeja fit-12 ta' Marzu 1962);

29. Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju l-ilment tar-rikorrent, jrid jiġi ppruvat illi: mhux biss il-proċeduri qed idumu pendenti, iżda li d-dewmien huwa wieħed kapriċċuż u ntiż biex jiżvantaġġja lir-rikorrent fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skond il-Liġi;

30. Illi għalhekk ma hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq;

31. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.'

Rat illi fil-verbal datat 18 ta' Mejju 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni b'termini mposti fuq il-partijiet ghas-sottomissjonijiet bil-miktub.

Rat li gew prezentati biss sottomissjonijiet mill-intimati u rat l-istess sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tar-rikors kostituzzjonali odjern ir-rikorrent Agostino Agius jsostni li fil-perkors tal-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tieghu fit-termini tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta relatati ma' pussess aggravat ta' cirka zewg kilogrammi droga kokaina u li nbdew fis-sena 2016 allegatament qed issehh lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan in succint ghar-ragunijiet segwenti:

i) In-nuqqas ta' dritt tal-assistenza legali ghall-persuni suspettati mill-bidu nett tal-invetigazzjoni fejn fil-kas odjern ir-rikorrent isostni li ma giex moghti dan id-drit waqt l-interrogazzjoni stante li l-ligi Maltija ma kinitx takkorda dan id-dritt;

ii) Illi allegatatment ir-rikorrenti ma giex moghti smiegh xieraq ghaliex isostni li ma nghatax access ghal kull dokument li kien jinsab fil-pussess tal-Pulizija matul il-proceduri kontrih fil-prim' istanza liema dritt huwa imnaqqax fl-Artikolu 534AF tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bir-rizultat li jsostni li huwa ma setax jiddefendi ruhu bl-aqwa mod possibbli u li ghadu jsofri minn pregudizzju;

(iii) Finalment ir-rikorrenti jallega lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq rizultat ta' dewmien fil-proceduri kriminali kontra tieghu li jsostni li ilhom li nbdew mis-sena 2016 u ghadhom fi stadju ta' provi prosekuzzjoni, liema dewmien isostni li m'huwiex attriwibbli lilu.

Ghalhekk permezz tar-rikors kostituzzjonali odjern ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li fil-mori tal-proceduri fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja u kif ukoll fi stadju ta' 'pre-trial' jew investigattiv gew lezi d-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq fit-termini tal-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39

tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ulterjoment jitlob li din l-Qorti takkorda dawk ir-rimedji kollha effettivi li din jidhrilha xierqa.

Illi da parti taghhom l-intimati jsostnu li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti mhumiex fondati. Jeccepixxu in succint li preliminarjament li l-kawza odjerna hija intermpestiva stante li l-proceduri kriminali ghadhom mhux terminati. Ukoll illi ma jidhirx li gew mittiefsa d-drittijiet tar-rikorrent fl-artikoli citati.

Illi dwar l-istqarrija jeccepixxu li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji u li l-Qorti Kriminali hija adita hi stess sabiex tezamina l-valur probatorju tal-istess stqarrija u sabiex taghti r-rimedji. Jaghmlu referenza ghall-artikolu 355AT tal-Kap 9 Kodici Kriminali u jsostu li fl-ambitu tal-ligi kif vigenti fiz-zmien tal-interrogazzjoni tar-rikorrent kien l-istess rikorrent li rrifjuta li jkellem avukat wara li gie moghti tali dritt.

Illi dwar l-allegat ksur ta' smiegh xieraq minhabba nuqqas ta' 'disclosure' l-intimati jsostnu li dan l-ilment ukoll mhux gustifikat fost ohrajn ghaliex fl-atti tal-kumpilazzjoni qed jitressqu l-provi kollha favur u kontra allura r-rikorrenti qieghed f'qaghda li jhejji d-difiza tieghu b'mod xieraq. Izidu li fl-ambitu tal-jedd ghal smiegh xieraq dak li huwa garantit huwa li l-akkuzat jinghata zmien u facilitajiet adegwati biex ikun jista' jhejji d-difiza tieghu halli b'hekk jigi zgurat il-principju tal-ugwaljanza bejn il-

prosekuzzjoni u d-difiza u dan fil-fatt qed isehh. Izidu li r-rikorrenti ma jfissirx liema huma l-provi li thallew mistura. Ir-rikorrent ma jghidx li huwa ried jara l-fajl tal-pulizija sabiex jikkontesta l-legalità tal-arrest tieghu jew biex ikun jaf fuq x'hiex jinsab akkuzat tant li f'dawn il-proceduri ma jidhirx li hemm ebda talba biex jigi mistharreg jekk kienx hemm arrest arbitrarju. Izidu li ma jidhirx li r-rikorrent bghata xi pregudizzju ghaliex waqt l-interrogazzjoni ma rax il-fajl tal-Pulizija. Jeccepixxu wkoll li din l-allegata lezjoni ma tistax tkun wahda fl-astratt izda jrid jigi ppruvat nuqqas fil-konkret.

Finalment dwar l-allegat ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq rizultat ta' allegat dewmien l-intimati jsostnu li din l-allegazzjoni hija wkoll infondata u li wiehed irid jara l-kaz fl-interita' u l-kumplessita' tieghu u li fil-kaz odjern dak li qed jintalab sabiex jingabar bhala provi mhux wiehed irragonoveli. In oltre jzidu li din il-Qorti m'ghandhiex thares biss lejn in-numru ta' snin.

Finalment jeccepixxu li fl-ebda cirkostanza ma sehhet vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq tar-rikorrent.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti fil-mertu rat ix-xhieda ta' Stephania Calafato Testa li esebiet fl-atti numru ta' dokumenti mill-proceduri kriminali

kontra r-rikorrent a fol. 21 et seq tal-process. A fol. 26 tinsab esebita l-akkuza fil-konfront tar-rikorrent u li ggib id-data tas-7 ta' Marzu, 2016 liema dokumeent jinkludi akkuzi taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta relatati mad-droga kif ukoll akkuzi dwar atti ta' hasil ta' flus.

Rat l-istqarrija tar-rikorrent rilaxxata nhar il-5 ta Marzu, 2016 esebita a fol. 29 et seq tal-process. Rat li fl-istqarrija tieghu ir-rikorrenti ikkonferma li ffirma dikjarazzjoni li ghazel li ma jiehux parir tal-avukat qabel ma jkellmu l-Istpettur u kkonferma l-istess hsieb. Il-Qorti rat il-kontenut tal-istqarrija li mehuda kif inhi certament *prima facie* tirrizulta li hija inkriminanti fil-konfront tar-rikorrent. Rat in-nota ta' rinunzja ghad-dritt li jkellem Avukat a fol. 34 tal-process iffirmata mir-rikorrent. Rat ukoll a fol. 35 et seq il-kopja tal-'Ittra Bi Drittijiet' li tinkludi d-dritt li is-suspettat ikellem Avukat u wkoll id-dritt ghall-access ghad-dokumenti wkoll iffirmata mir-rikorrent.

A fol. 38 tinsab esebita x-xhieda tal Ispettur Kevin Pulis li nghatat nhar il-15 ta' Marzu, 2016 u wkoll ix-xhieda tal-istess Spettur datata 22 ta' Frar, 2023 a fol. 42 u rat il-kontenut tal-istess.

Segwew a fol. 44 et seq tal-process il-verbali fl-atti tal-kumpilazzjoni kontra r-rikorrent. Minn dawn il-verbali l-Qorti rat li pendenti l-kumpilazzjoni tal-provi saru oltre sebghin (70) seduta

quddiem il-Qorti tal-Magistrati. F'oltre minn erbghin seduta minnhom ma ngabru ebda provi. F'parti minn dawn l-erbghin seduta ma ngabrux provi stante li l-partijiet kienu qed jippruvaw jaslu ghall-patteggjament bejniethom. Din is-sitwazzjoni damet tippersisti fl-atti mill-anqas mill-1 ta' Marzu, 2018 sa' Mejju tas-sena 2019. Minn Gunju, 2020 l-kaz spicca differit diversi drabi ghaliex ma setax jigi rintraccat xhud fejn fl-istess verbali l-prosekuzzjoni vverbalizzat li salv dak ix-xhud ma kien baqalha l-ebda xhud. Mill-atti esebiti quddiem din il-Qorti ma jirrizultax li sal-lum inhargu l-artikoli fil-konfront tar-rikorrent b'dana li l-atti jidhru li ghadhom fi stadju ta' gbir ta' provi tal-prosekuzzjoni.

Il-Qorti rat ukoll li r-rikorrent odjern fl-atti ghazel li ma jaghti l-ebda xhieda, ma ressaq l-ebda prova ohra ghajr is-suespost u ghalkemm inghata l-opportunita' li jaghmel nota ta' sottomissjonijiet f'termini mposti fuqu, naqas milli jaghmel dan.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Stqarrija:-**

Illi dwar l-ewwel allegazzjoni ta' lezjoni ghal jedd ghal smiegh xieraq konsegwenza li r-rikorrent ma kellux assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, ghaliex kif isostni r-rikorrent il-ligi dak iz-zmien ma kinitx tipprovdi dan il-jedd, il-Qorti rat li fl-atti mir-rikorrent

tressqet il-prova tal-istqarrija izda xejn aktar. Fuq kollox minn din il-prova jirrizulta li r-rikorrenti sahansitra rrifjuta li jikkonsulta ma' Avukat u mhux kif gie sottomess fir-rikors promotorju tieghu li kien tkellem mal-Avukat u l-Avukat tah il-parir li ma jirripondix izda xorta rrisponda.

Illi l-Qorti rat ukoll li mill-verbali esebiti mkien ma jirrizulta li r-rikorrent qatt ilmenta dwar l-istqarrija tieghu fl-atti kriminali. Il-Qorti wkoll f'dan l-istadju tal-proceduri kontra r-rikorrent, li kjarament ghadhom pendenti, ma tpoggiet bl-ebda mod fil-posizzjoni li tevalwa l-uzu li ser isir minn din l-istqarrija fl-assjem tal-proceduri kollha kriminali, l-effett li din l-istqarrija jista' jkollha fil-konfront tal-proceduri kriminali kontra r-rikorrent u l-ezitu finali.

Illi in vista tal-provi u l-konsiderazzjonijiet suesposti l-Qorti tqis li l-eccezzjoni preliminari tal-intimati li t-talba tar-rikorrent fir-rigward tal-istqarrija hija wahda intempestiva stante li l-proceduri ghadhom mhux terminati u wkoll l-eccezzjoni tan-non ezawriment tar-rimedji huma validi u l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess u tichad din il-parti tat-talba tar-rikorrent.

**'Non-disclosure'-**

Illi l-Qorti tqis li filwaqt li dwar l-istqarrija l-provi tar-rikorrenti kienu neboluzi ghall-ahhar, dwar l-allegazjoni tan-'non-disclosure' fl-atti odjerni ma tressqet l-ebda prova da parti tar-rikorrent. Wisq anqas sar mill-anqas accenn dwar kif dan is-suppost 'non-disclosure' seta' wassal ghal lezjoni tal-jedd ta' smiegh xieraq tar-rikorrent. Il-Qorti ghalhekk tqis illi din l-allegazzjoni tal-lezjoni tal-jedd ghal smiegh xieraq rizultat ta' 'non-dislosure' assolutament ma gietx pruvata w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Dewmien fil-proceduri:-**

Illi mill-verbali tal-proceduri kriminali esebiti fl-atti, kif gia suespost, jirrizulta li saru oltre sebghin (70) seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati bejn Marzu 2016 u Frar 2023. Il-Qorti kkonstatat li f'oltre minn erbghin (40) seduta minnhom ma ngabru ebda provi, in parti ghaliex il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda xhieda izda wkoll ghaliex f'parti sostanzjali minnhom il-partijiet kienu qed jinfurmaw lill-Qorti li qed jippruvaw jaslu ghall-patteggjament bejniethom. Din is-sitwazzjoni damet tippersisti fl-atti mill-anqas mill-1 ta' Marzu, 2018 sa' Mejju tas-sena 2019. Qabel din il-kwistjoni tal-patteggjament, il-provi dehru li kienu qed jingabru regolarment. Mill-verbali ta' Gunju, 2020 l-quddiem jirrizulta li l-kaz spicca differit diversi drabi ghaliex ma setax jigi rintraccat xhud fejn fl-istess verbali l-prosekuzzjoni vverbalizzat li

salv dak ix-xhud ma kien baqala l-ebda xhud. F'uhud minn dawn il-verbali wkoll regghet issemmiet il-possibilita' ta' patteggjament. Il-Qorti rat ukoll li, almenu mill-atti esebiti quddiem din il-Qorti, ma jirrizultax li sallum inhargu l-artikoli fil-konfront tar-rikorrent b'dana li l-atti jidhru li ghadhom fi stadju ta' gbir ta' provi tal-prosekuzzjoni.

Il-Qorti innotat mill-istess verbali esebiti li jirrizulta li r-rikorrent odjern qatt ma ressaq ilment dwar id-dewmien fil-proceduri fl-atti kriminali, anzi pjuttost kien jaqbel mal-prosekuzzjoni meta din tissottometti li kien hemm lok ghal patteggjament u jidher li l-istess rikorrent odjern qies li seta' jibbenefika mid-dewmien fil-proceduri bl-ghan li jintlahaq ftehim. Fl-ahhar verbal fejn jissemma' il-patteggjament kienet l-istess difiza li sostniet li kien ghad hemm din il-possibilita'. Il-Qorti ghalhekk in vista ta' dawn ic-cirkustanzi u wkoll in vista tal-fatt li l-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent ghadhom pendenti b'dana li din il-Qorti allura m'ghandhiex il-beneficcju li tara l-istampa shiha tal-proceduri kollha kriminali, tqis li sallum mhux jirrizultalha ppruvat dewmien ingustifikat fil-proceduri fil-konfront tar-rikorrent w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll din il-pretensjoni da parti tar-rikorrent.

**Konkluzjoni:**

Illi la darba din il-Qorti ma sabet l-ebda mit-tlett lezjonijiet tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq kif allegat mir-rikorrent il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi dan l-ilment kostituzzjoni billi tilqa' r-risposta tal-intimati sakemm din hija kompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**3 ta' Ottubru 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Ottubru 2023**